MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 1292/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**v**

**ANTONIO BIANCO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTONIO BIANCO** ta' erbgha w hamsin bin Cristopher w Annunziata nee Balzan imwieled Hal Tarxien nhar l-hamsa ta' Dicembru 1951 u residenti 265, Triq il-Kampanella, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 27852M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2006, u fiz-zminijiet ta' qabel fil-Fgura:

1. iffalsifika jew biddel minghajr l-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew prodott t'industrija jew manifattura jew

xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe numru ta' DVD's foloz;

2. Talli bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

3. talli fl-istess cirkostanzi, bi qligh, jew ghat-tqassim jew ghal wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku, stampa, immanifattura, jew xort'ohra ghamel jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jw esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor ikun li jkun, pornografiku jew oxxen kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

4. talli fl-istess cirkostanzi, innegozja f'xi oggett pornografiku msemmi hawn fuq wkoll jekk dan n-negozju sar bil-mohbi jew qassam xi oggett bhal dak jew wera xi oggetti bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku u cioe numru ta' DVD's pornografici.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kwerela ta' Dottor Patrick J. Galea esibita bnhala dokument CSH 1, u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2006 esibita bhala dokument CSH 4, kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat ssebgha ta' Dicembru 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-

kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 ghal akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat dwar il-piena:

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi fi tlett okkazzjonijiet ohra sa mis-sena 1969 sas-sena 1996 fejn inghata multa u canfira ghalkemm il-portata ta' dawk l-akkuzi kienet ta' natura zghira.

Il-Qorti qiset wkoll l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u l-ammisjoni bikrija tal-imputat tant li b'hekk m'inhelix l-hin prezzjuz tal-Qorti.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 208(1)(2), 298(1)(a) u 298B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed <u>ssib lil imputat ANTONIO BIANCO hati tal-akkuzi kollha kif ammessi minnu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt [500] lira</u> li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa**

**mhux aktar tard mill-wiehed u tletin [31] ta' Dicembru 2006, b'dan li jekk l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tordna l-konfiska tad-dokument CSH 6 u distruzzjoni tal-istess li ghandha ssir fil-presenza tal-Ufficjal Prosekutur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------